MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru 254/2012

**Il-Pulizija**

**(Spt. Josric Mifsud)**

**Vs**

**Marco Debono**

**Josepha Debono**

**Illum 17 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati [Marco Debono ID No. 23381G u Josepha Debono ID No. 8683G] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

talli nhar is-17 t'Ottubru, 2009 u anki fiż-żminijiet ta' qabel din id-data fil-fond adjacenti mar-residenza Amethyst, Triq in-Neolitici, Rabat, Għawdex:-

1. mingħajr liċenzja tal-awtorita` sanitarja illi tiswa mhux aktar minn sena żammew f'dan il-fond żiemel

2. u aktar talli bħala sidien ta' dan iż-żiemel, naqsu matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Jannar jirraportaw lill-ogħla uffiċjal tal-Pulizija li jservi l-eqreb għassa tal-Pulizija tad-distrett, dan iż-żiemel fil-pussess tagħhom u jgħidu fejn qegħdin iżommuh u dan bi ksur tar-Regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.07.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April, 2012, li biha, fuq nuqqas ta' provi lliberat lill-appellati mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett jew tikkanċella u tħassar is-sentenza appellata u wara tgħaddi biex issib htija fil-konfront tal-imputati appellati fl-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom u tinfliggi piena skont il-liġi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornati tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

1) Kienet preseduta minn Magistrat li ma kienx l-istess Magistrat li sema' l-provi viva voce kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) għamlet enunjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi, liema enunjazzjoni wasslet għal apprezzament żbaljat tal-provi;

**1) il-ġudikant li ta s-sentenza ma kjenx l-istess ġudikant li sema' lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-Qorti u viva voce skond kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Jidher, mill-atti tal-kawza, illi matul il-prosegwiment tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tal-imputati appellati inbidel il-ġudikant. Jirrizulta illi fil-waqt li numru sostanzjali ta' xhieda importanti imressqin mill-Prosekuzzjoni xehdu quddiem l-ewwel gudikant, dawn ma regghux xehdu quddiem it-tieni gudikant li eventwalment wasal biex jippronunzja s-sentenza. Jirriżulta wkoll illi dawk ix-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel gudikant ma gietx traskritta bil-konsegwenza illi t-tieni gudikant ippronunzja sentenza minghajr ma sema' x-xhieda kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni. Dan sar bi ksur tal-Artikolu 646(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula illi:

*"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jigu eżaminati fil-Qorti u viva voce."*

F' dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Bartolo, datata 9 ta' Settembru 1999, spjegat illi:

*"Dan isir sabiex il-ġudikant - f'dan il-każ il-maġistrat li ippronunzia s-sentenza - jagħmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodici kriminali, u, billi japplika l-liġi għall-fatti kif jirrizultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wieħed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konklużjoni tieghu dwar x' jemmen*

*jew x'ma jemminx minn dak li jgħid xhud hu dak ta "l-imġiba, kondotta u karattru fax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda.*

*Biex dan il-kriterju jkun jista` jigi applikat hu evidenti li l-maġistrat ghandu jisma` b'widnejh u jara b'għajnejh lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' prim istanza, jista' joqgħod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bħal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza jisma' hu x-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Fil-każ in diżamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma l-provi viva voce jistultifika ir-rwol ta' din il-Qorti (ċioe tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bħala Qorti ta' reviżjoni: meta f'dan il-każ kollox jiddependi fuq kwistjoni ta kredibbihita', u specjalment fuq il-kredibbilita` tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel Qorti biex tara jekk l-apprezzament magħmul minn dik il-Qorti kienx wiehed raġjonevoli meta taf li l-ġudikant fil-prim' istanza qagħad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema` ħaddiehor!"*

Fil-kaz preżenti jirrizulta li lanqas biss kien hemm traskrizzjoni tax-xhieda li xehdu quddiem l-ewwel gudikant u għalhekk it-tieni gudikant, mhux talli ma semax ix-xhieda hu stess, izda iktar minn hekk skarta kompletament ix-xhieda taghhom. Dak il-gudikant ma seta' qatt jippronunzja sentenza minghajr ma kien jaf x'kienu l-provi li tressqu quddiem il-Qorti!

Kif spjegat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro:

*"in-nuqqas tal-gudikant li iisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta għal aktar minn semplici nuqqas ta` formalita`, sostanzjali jew xort ohra, fis-sens tas-subartikolu*

*(3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Krinminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustauza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel Qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli ex officio minn din il-Qorti"*

Għaldaqstant l-proċedura adoperata mill-Qorti għandha jġib in-nullita' tal-proċeduri.

2) **il-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunċjazzioni żbaljata jew inkompleta tal-ligi, liema enunċjazzjoni wasslet għal apprezzament żbaljat tal-provi**

Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, il-Qorti għamlet enuncjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi meta qalet li l-Artikolu 126 tal-Kap 10 tal-Liġiiet ta' Malta u r-regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.07 jesiġu li l-Awtorita' Sanitarja jkollha records, u l-Pulizija jkollha reġistru, ta' żamma ta' żwiemel rispettivament;

Illi l-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet enuncjazzjoni żbaljata tal-liġi meta qalet illi ma setgħetx tinsab ħtija fil-konfront tal-imputati appellati in vista tal-fatt li ma kien jeżisti l-ebda reġistru fejn jiġu reġistrati ż-żamma taż-żwiemel kif ukoll in vista tal-fatt li ma tressqitx prova sodisfacenti mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Fil-każ 'Il-Pulizija v. Peter Agius et,' tad-9 ta' Gunju 2010, il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat, wara li ċċitat is-sentenza ta' Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, illi:

Kif gie kemm-il darba deċiż, li dan ir-raġun kollu, is-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal xi punt ta' dritt. Kieku kellu jkun divers minn hekk, tinħoloq sitwazzjoni fejn kull sentenza tkun appellabbli għaliex f'kull sentenza bilfors issir applikazzjoni tal-liġi. Kif gja' kellu okkażjoni li tiddeċiedi riċentement din l-istess Qorti, kif presjeduta, fl-Appell Kriminali 270/1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija-vs-Nicholas Cutajar,' deċiż fil-11 ta Dicembru, 1998, din l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni tal-liġi, logika u aċċettabbli, ma għandhiex tigi żnaturata b'mod illi malli f'sentenza tissemma l-ligi, allura jitqies li hemm lok ghall-appell fuq punt ta' dritt, iżda għandu dejjem tinżamm fil-limiti ġusti tagħha, cioe' fejn, in riferenza għar-reat addebitat, l-ewwel Qorti tkun esponiet ħażin jew b'mod skorrett jew inkomplet il-liġi li tirrigwarda dak ir-reat, u tkun applikat għall-fatti dik il-liġi minnha skorrettament jew inkompletament enuncjata …..

Illi jidher car illi meta dik l-Onorabbli Qorti enunċjat ruhha b'dak il-mod ma għamlitx sempliċiment applikazzjoni tal-liġi, iżda esponiet ħażin il-liġi li tirrigwarda ir-reat in diżamina

b'konsegwenza li applikat għall-fatti dik il-liġi minnha skorrettament enunċjata. Dan għaliex il-pożizzjoni legali korretta f'dan il-kaz hija illi sabiex jissussisti r-reat kontemplat taħt l-Artikolu 126 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta ma hux neċessarju illi l-Prosekuzzjoni tipprova illi l-Awtorita' Sanitarja f'Għawdex għandha records ta' żamma ta' żwiemel. Fil-fatt, l-Artikolu 126(1) jghid illi:

*Ħadd ma jista', mingħajr liċenzja tal-awtorita' sanitarja, illi tiswa mhux aktar minn sena, izomm f'ebda fond ġewwa l-limiti msemmijin fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, ebda bhima tal-fart, jew ebda ħanżir, mogħża, nagħġa, żiemel, bagħal jew ħmar.*

Dan ifisser illi kien biżżejjed għall-Prosekuzzjoni illi tressaq bħala prova l-fatt illi l-imputati appellati ma kellhomx dik il-licenzja meħtieġa mil-liġi u mhux ukoll li l-Awtorita Sanitarja qed iżomm xi tip record.

Dak li ingħad hawn fuq jista' jiġi applikat ukoll għar-reat ikkontemplat taħt ir.-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.07 illi jgħid li:

*'Sidien ta' baqar, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u bgħula għandhom, matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Jannar ta' kull sena u, fil-każ tal-ħnieżer matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Lulju ta' kull sena wkoll, jirrapurtaw lill-ogħla uffiċjal tal-Pulizija li jservi fl-eqreb Għassa tal-Pulizija tad-distrett, in-numru ta' dawk l-annimali fil-pussess tagħhom u jgħidu fejn iżommuhom, u fil-każ ta' baqar u bgħula, jispeċfikaw is-sess u n-nisel.'*

Jidher ċar illi dan ir-regolament jesigi biss illi l-persuna li tkun qed iżżomm żiemel tirraporta, fiż-żmien stipulat fir-regolament, lill-ogħla Ufficjal tal-Pulizija li jservi fl-eqreb Għassa tal-Pulizija tad-distrett, in-numru ta' annimali fil-pussess tagħha u tgħid fejn iżommuhom. Dan ir-regolament ma jesiġix ukoll illi l-Pulizija għandha żżomm xi forma ta' registru sabiex tirregistra rapporti ta' dan tip. Ghaldaqstant, is-sempliċi fatt illi persuna tonqos milli tmur tagħmel tali rapport mal-Pulizija hu biżżejjed sabiex issib ħtija taħt dan ir-regolament.

Hu għalhekk illi fl-umli opinjoni tal-esponenti dik il-Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata kemm tal-Artikolu 126 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll tar-regolament 23 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.07, għaliex l-ebda waħda minnhom ma tesiġi li jinżamm xi tip ta’ registru jew records mill-Pulizija u mill-Awtorita’ Sanitarja rispettivament.

Ikkonsidrat

Rat is-sentenza tagħha tal-21 ta’ Ġunju, 2013 li biha din il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali in konnessjoni mal-Appell Numru 254/2012.(fol 126 sa 134).

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunzjazzjoni żbaljata tal-Liġi.

Ma’ din is-sottomissjoni l-abbli avukat difensur ma qabilx.  Anzi baqa’ jsostni li d-dritt tal-appell tal-Avukat Ġenerali għandu jkun radikat.  L-Avukat Ġenerali wieġeb li dan il-punt kien sorvolat bis-sentenzi preliminari mogħtija.

Dan mhux eżatt għal kollox għaliex fl-Appell 254/12, il-Qorti kienet ċaħdet l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

Il-Qorti eżaminat il-ġurisprudenza dwar dan il-punt.   Filfatt fis-sentenza tal-Appell Kriminali tal-25 t’Ottubru 1984 ‘Il-Pulizija vs Gaetano Cuschieri et’ il-Qorti kienet qalet hekk:

‘Biż-żmien il-Qorti tal-Appell Kriminali u qabilha l-Qorti Kriminali (sede Appell) estendew il-każ fejn il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun irritjena li ma kinux jikkonkorru fil-fatt ilp-kostituttivi tar-reat, biex jinkludi fih ukoll il-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatt enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat.  B’ġurisprudenza kostanti, għalhekk, ġie konċess ukoll id-dritt tal-appell lill-Avukat Ġenerali anke fuq punt ta’ dritt.’

F’sentenza oħra, din id-darba tal-20 ta’ Frar, 1986 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Georgia Zammit’ il-Qorti kienet qalet hekk:

‘Meta l-Avukat Ġenerali jappella minħabba ‘enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-Liġi’ jew error juris, malli l-enunċjazzjoni denunzjata bħala ħażina tiġi minflok rikonoxxuta bħala korretta, allur ajekk l-appell ma jkunx ibbażt fuq xi inċiż ieħor tal-artikolu 425 (illum 413), l-appell jieqaf hemm. Il-kelma ‘fatt’ użata fl-artikolu 425(illum 413) (1)(b)(iv) tirreferi kemm għall-fatti imputati kif ukoll għal dawk li jirriżultaw. Fl-ewwel każ hu prospettat il-każ fejn il-Qorti , bla ma tisma’ prova, tiddeċiedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta’ reat u llura hemm l-appell tal-Avukat Ġenerali u dan ikun appell purament fuq punt ta’ dritt. Similment, jekk wara li jinstemgħu l-fatti tiġi applikata ħażin il-liġi, ikun propjament qed jiġi deċiż li l-fatrti ma jikkostitwux reat mhux għax neċessarjament huwa hekk iżda għax tkun saret enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-Liġi. F’dan il-każ l-appell ikun mogħti lill-Avukat Ġenerali jekk veru jkun sar dan l-error juris biss.’

Wara li rriflettiet fuq din il-ġurisprudenza, il-Qorti eżaminat is-sentenza a fol 50 et. Minn din jirriżulta li l-Qorti kienet għamlet referenza għall-affidavit redatt minn **PS 369 Joseph Mizzi** (ippreżentat fil-15 t’ Novembru 2011). F’dan l-affidavit PS 369 jgħid hekk:

‘Ngħid li l-persuna Marco Debono ID 23381 G m’għandu l-ebda żiemel irreġistrat mal-Pulizija.’

Imbagħad il-Qorti rreferiet għall-verbal li sar fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012 fejn l-avukat tal-parte ċivili kien irrefera għal dak li xehed PS 1346 Anton Schembri li kien spjega li ma kienx jeżisti reġistru li fih jiġu reġistrati żwiemel mal-ogħla uffiċjal tal-Pulizija.

Wara din ir-referenza, Joseph Borg, Principal Health Inspector, kien xehed li bħala Awtorita’ Sanitarja f’Għawdex, qatt ma kellhom records ta’ żamma ta’ żwiemel.

Kien hawn li l-Qorti tal-Maġistrati qalet li ‘ in vista ta’ dan, in vista tal-fatt li ma jeżisti ebda reġistru u in vista tal-fatt li ma tressqitx prova soddisfaċenti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet..... ‘

Huwa tassew li l-Qorti tal-Maġistrati mkien ma għamlet xi analiżi taż-żewġ artikoli li għandhom x’jaqsmu mal-imputazzjonijiet ta’ dan l-appell. Iżda, fil-fehma ta’ din il-Qorti, f’kuntest fejn l-Ewwel Qorti kienet skartat l-affidavit ta’ Joseph Mizzi minħabba l-verbal li kien sar preċedentement, il-mod kif esprimiet ruħha dwar in-nuqqas tal-eżistenza ta’ reġistru, jista’ jfisser li m’hemmx il-prova adattata għaliex dawn ir-records għandhom jinżammu f’reġistru jew indirettament li r-reġistru ried jinżamm bil-fors. Tant li l-affidavit ta’ Joseph Mizzi kien skartat għal kollox.

Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi li kif inhi espressa din il-parti tas-sentenza mill-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed jista’ jinterpretaha li l-Qorti kienet qed tqis li ż-żamma tar-records kienet ***sine qua non*** kemm għall-ewwel imputazzjoni kif ukoll għat-tieni.

Għalhekk qed tqis li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa radikat.

Smigħ tax-xhieda kollha

Għalhekk il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda kollha fis-seduta tal-11 t’Ottubru, 2013 liema xhieda kienet qed tinstema’ kontestwalment għaż-żewġ appelli:254/12 u 253/12. Imbagħad f’kull appell tirreferi għax-xhieda relevanti għal dak l-appell partikolari.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Eżaminat id-dokumenti kollha prodotti, inklużi r-ritratti, is-CD u l-isketch.

Ikkonsidrat

Minn dawn ix-xhieda rriżulta dan li ġej:

PS 369 Joseph Mizzi esibixxa affidavit (fol 31 Appell 254/12) fejn huwa jgħid hekk:

'Ngħid li l-persuna Marco Debono ID 23381G m'għandu l-ebda żiemel irreġistrat mal-Pulizija.' (fol 31 Appell 254/12).

A fol 34 tal-appell 254/12 jidher verbal fejn Dr Kevan Azzopardi rrefera għal dak li kien xehed PS 1346 Anton Schembri li kien qal li ma jeżistix reġistru li fih ikunu reġistrati żwiemel mill-ogħla uffiċjal tal-Pulizija. Id-difensur tal-imputati kien qal li ħadd ma jista' jagħmel l-impossibbli.

**PS 715 Lucian Gatt** xehed li fl-4 ta' Marzu 2010 kien mar ċertu Eucharist Portelli fl-għassa tar-Rabat Għawdex. Dan huwa sid tar-Ruby Pastizzeria li tinsab fi Triq in-Neolitiċi Għawdex. Għal dawn l-aħħar sentejn kien imdejjaq minn riħa qawwija ta' mediċini li kienet tintuża fuq iż-żwiemel. Din ir-riħa kienet ġejja mill-garaxx tal-ġarr tiegħu Marco Debono. Id-Dipartiment tas-Sanita' kienu qalulu li ma kinux jidħlu f'dan il-każ partikolari. Meta kellem lill-Ispettur Josric Mifsud, dan qallu li kien ser jieħu ħsieb ta' kollox għaliex kellu kwerela minn għand l-avukat ta' Portelli. Ix-xhud kien mar fuq il-post xi tlitt ijiem wara u l-garage kien magħluq.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li d-dokument li jidher a fol 27 tal-appell numru 253/1 kien rapport li kien ħejja x-xhud stess.

Xehed ukoll **ex PS 1346 Anton Schembri** li qal li fis-17 t'Ottubru 2009 kien mar l-għassa ċertu Marvin Cauchi (ID 2782G) fejn irraporta li huwa u martu Melissa kienu qed jiddejqu bil-ħsejjes ta' żiemel li ċertu Marco Debono kien qed iżomm garage maġenb il-fond tagħhom.

Kienu qalu wkoll li l-istess Marco Debono kien qed iniegħel iż-żwiemel mingħajr il-permessi neċessarji. Ix-xhud mar fuq il-post fis-2.25 ta' wara nofs in-nhar tas-17 t'Ottubru, 2009. (Okkorrenza paġina 8 Appell 253/12). Marco Debono kien qed iniegħel żiemel waqt li Marlon Buttigieg kien qed iżomm iż-żiemel.

**Marco Debono** qal li hu ma kellu ebda permess biex iniegħel iż-żwiemel iżda hu ma ħtieġlu ebda permess għax ma kienx qed iniegħel iż-żiemel għal xi ħlas. Marlon Buttigieg kien ikkonferma dak li qal Marco Debono.

Ix-xhud ma ra ebda żiemel ieħor u ebda kumulu ta' demel fil-garage. Iżjed lura, fil-bitħa ta' wara, kien qed jinżamm żiemel iżda dan ma kien qed jagħmel ebda ħsejjes jew taħbit. Marco Debono kien innega li ż-żiemel iħabbat filgħodu jew filgħaxija. L-Animal Welfare Department kienu qalulu li ma jeħtieġ ebda permess biex iniegħel iż-żwiemel. L-artikolu li kien hemm fil-Kap 10 dwar biex wieħed iżomm annimal irid jieħu ħsieb li ma jdejjaqx lill-ġirien ma kienx in vigore. Għalhekk ma setax jieħu passi taħt dan l-artikolu. Il-post kien residenzjali.

Huwa kkonferma l-okkorrenza li tidher a fol 8 tal-Appell Numru 253/12. Il-Pulizija kienu pproċedew minħabba kwerela.

Xehed ukoll **Joseph Borg**, senior principal Environment Health Officer li qal li kien is-sur Dominic Formosta li investiga l-każ. Huwa qal li kien daħal complaint fil-11 t'Awwissu tas-sena 2009 minħabba irwejjaħ u xi akkumulu ta' animal dung f'garage li jismu 'Annelist Garage', Aniċi Street, Victoria. Il-kwerela kienet investigata fid-19 t'Awwissu 2009. Is-sur Formosa innota xi kumulu u bagħat avviż biex jitneħħa l-kumulu pero' ma kinux innutati rwejjaħ b'riżultat taż-żamma ta' żiemel. Huwa żied jgħid li fl-uffiċju tiegħu ma kien hemm beda reġistru jew records dwar żwiemel li jinżammu ġo postijiet bil-liċenzja tal-awtorita' sanitarja. Lanqas f'Malta ma jeżistu tali reġistri. Huwa kien mar fuq il-post fl-20 t'Ottubru, 2009 f'xi l-għaxra u kien innota li kien qed jinżamm żiemel ġo kamra fil-bitħa.

Id-difiża rreferiet għall-kontro-eżami li kien sar fis-17 ta' Jannar 2012 (fol 67 tal-Appell Numru 253/12) u ssottomettiet li ma kellhiex x'iżżid aktar. Huwa kien qal li ma kinux jiġu reġistrati żwiemel magħhom (fol 67). Lanqas kellhom records antiki li juru li ż-żwiemel kienu jiġu reġistrati magħhom. L-artikolu 125 tal-Kap 9 kien ġie revokat fis-sena 2001. Kien infurmat li l-artikolu 126 huwa ineffettiv minħabba li kien tneħħa l-artikolu 125.

Xehed is-**sur Dominic Formosa**, spettur sanitarju. Dan qal li dwar iż-żamma taż-żiemel fi Triq in-Neolitiċi kienu saru żewġ ilmenti. Kien mar fuq il-post, ħabbatt, u ma fetaħ ħadd. Imbagħad bagħat ittra lis-sid 'to call at the office.' Kien għamel spezzjoni fid-19 t'Awwissu iżda ma sabx ħmieġ partikolari la ġewwa l-garage u lanqas fil-bitħa. Lanqas il-friex ma kien maħmuġ. Imbagħad ċerta Eucharist Portelli għamel ilment ieħor dwar riħa tinten li kienet assoċjata ma' żamma ta' xi żiemel (15 t'Ottubru 2009). Kien għamel spezzjoni fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Ma sab eda kumulu ta' demel. Dwar riħa kien hemmm ċerta riħa mhix pjaċvoli meta mar fit-tieni appuntament.

Id-difiża hawn rrimarkat li peress li dawn kienu kontravenzjonijiiet, allura tidħol il-preskrizzjoni.

Xehed **Charles Bonnici**, senior Principal Environmental Health Officer. Huwa qal li fl-20 t'Ottubru 2009 kienu telgħu għal arrieda minn Malta. Huma kienu ġagħlu lil Josepha Debono tiftaħ il-post fejn kien hemm iż-żiemel. Ma kienx irriżulta kumulu ta' ħmieġ. Kien instab ftit demel fl-għalqa tal-faċċata u nħareġ avviż uffiċjali biex jitneħħa dan id-demel. Dan kien tneħħa wkoll. Huwa kkonferma l-ittri li jidhru a fol 22 u 23 tal-appell 253/12. (Ara wkoll id-dok.MC1 fol 7 Appell 253/12 u fol 22 u 23).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-allegazzjoni kienet saret mis-sur Marvin Cauchi.

Xehed ukoll **Eucharist Portelli**. Dan qal li hu kien ilu jiġġestixxi pastizzerija mis-sena 2004. Fl-2006 inbena garaxx u bdiet issir stalla sakemm kien hemm tnejn, waħda fuq wara u l-oħra fuq ġewwa. Huwa tkellem bis-sewwa mal-ġirien u wegħduh li kienu sejrin ineħħuhom. Bdew iħammġu t-triq quddiem il-bieb u bdew jiġu ħafna rwejjaħ. Bdew iniegħlu wkoll u jaħarqu d-

difrejn. Anke llum il-ġurnata tinxtamm. Meta kien mar Dominic Formosa fuq il-post, dan kien qal li r-riħa ġejja minn ġol-post ta' Josepha Debono. Faċċata tal-garaxx tiegħu hemm għalqa fejn l-imputati kienu jarmu d-demel. Huwa kien ra 'l Josepha tarmi d-demel għal ġol-għalqa. Għal dak li hu numru ta' żwiemel, gieli kien hemm tlieta jew erbgħa li ġieli semagħhom iħabbtu.

Ara wkoll fol 28 fl-okkorrenza fejn huwa indikat li r-rapport kien sar **fl-4 ta' Marzu 2010.** Ix-xhud kien qal li kien ilu jbati mir-riħa għal sentejn.

Fil-kontro-eżami huwa nnega li xi darba kien talab xi demel lill-appellat iżda qal li huwa kien juża d-demel fl-għelieqi. Huwa qal ukoll li ma kienx mar jirraporta l-għassa minħabba li l-appellat kien qal li ser ineħħihom.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li l-appellat kien ħebb għalih, beda jgħajjat miegħu u joffendih. Il-pastizzerija tiegħu kienet liċenzjata.

Xehed ukoll **Marvin Cauchi** li qal li d-dar tiegħu tiġi bieb ma' bieb ma' dik tal-appellat. Bejn il-ġnien tiegħu u d-djar kien hemm stalla u paddock (bitħa żgħira) li llum sar ġnien. Kien hemm djar oħra ħdejn is-sit arkeoloġiku u djar oħra 'aktar 'il quddiem.' Kien hemm ukoll spiera li tiġi komuni bejn l-imputati, il-familja tax-xhud u terzi persuni. (Hawn saret referenza għad-dokumenti MC1, MC2, MC3 (li jinsabu fil-proċess 254/2012 waqt li dawk li jibdew minn MC4 qegħdin fil-proċess 253/2012 fol 29 sa 38). Dawn kienu kkonfermati mix-xhud li kien ippreżenthom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Meta x-xhud iżżewweġ f'Ġunju tas-sena 2008 sar jaf x'jiġifieri jħabbat żiemel bil-lejl. Ħames darbiet fil-ġimgħa jarma ż-żiemel tiegħu fil-05.30am u joħroġ bih għat-training u jqajjem lix-xhud mill-irqad. Fid-dar it-tisbit jirbombja. F'Lulju tas-sena 2008 beda l-inkwiet fuq l-istorbju taż-żiemel. F'Settembru kien qal lill-appellat biex l-appellant jara x'jista' jagħmel u l-appellat wiegħed li kien ser jipprova jsolvi l-problema. Fis-sena 2009 l-appellat kien jitlaq iż-żwiemel f'għalqa fi Triq Aniċi u ż-żiemel jew żwiemel beda jdejjaq/jdejqu lil mart ix-xhud il-jum kollu. Imbagħad, fis-sajf 2009, iż-żwiemel bdew joqogħdu fid-dar ta' maġenbhom il-jum kollu. Żdied il-ħmieġ ukoll bl-appellata tkaxkar id-demel u titfgħu fl-istalla. **Saħansitra kien ħadilha video tagħmel dan**. Fid-dar kienet tidħol riħa tinten. Fir-ritratti ppreżentati jidhru żewġt iżwiemel isabbtu fil-bitħa. L-ispiera sfat ikkontiminata. L-appellat kien iniegħel iż-żwiemel regolarment u kien joħroġ id-duħħan waqt

il-ħruq. Illum l-istalla saret domestic store. Lill-espert kien qallu li ż-żiemel kien beda jħabbat wara l-10.30pm.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-'ġlieda' ta' bejnu u l-appellat kienet seħħet fis-sena 2008. Ix-xhud qal li ż-żwiemel kienu għadhom jidħlu hemm. Minkejja t-twapet li saru fil-garage xorta jinstemgħu ż-żwiemel.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti kollha (inkluż id-dokument MC 13 a fol 37 tal-appell numru 253/12 li juri, li wara li sar test tl-ilma fid-dar tax-xhud Marvin Cauchi ntqal li 'Water is unfit for human consumption due to presence of e.coli – data tar-rapport 3 ta' Marzu 2010) kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti (a fol 44 tal-appell numru 253/12) li kien maħtur mill-Qorti fil-25 ta' Jannar 2011. Dan l-espert aċċeda diversi drabi fuq il-post (ara l-paragrafu li jmiss) u ma rriżultax li kien hemm xi rwejjaħ jew kumulu ta' ħmieġ. Lanqas ma rrriżultaw xi ħsejjes taż-żwiemel . Huwa osserva li kien hemm diversi twapet tal-lastiku fil-garage u ordna lill-appellata tmexxi ż-żiemel fuq il-wiċċ tal-konkos fil-garage fejn ma kienx hemm twapet. Il-garage tal-kwerelanti u dak tal-appellati huma adjaċenti għal xulxin b'ħajt tal-appoġġ komuni filwaqt li r-residenza tal-kwerelanti tinsab fis-sular soprapost għall-garage tal-istess kwerelanti. L-espert qal li meta ż-żiemel tmexxa fuq il-wiċċ tal-konkos dan bl-ebda mod ma nstema' li kien qed joħloq xi inkonvenjent ta' ħsejjes għall-kwerelanti. L-espert issuġġerixxa li jinxtraw aktat twapet. Il-kwerelant kien qal lill-espert li meta tressaq l-ilment is-sitwazzjoni kienet ferm agħar.

L-aċċessi saru fl-1 t'April, 2011 fit-8.00pm, fit-2 t'April, 2011 fl-10.00 am u fil-11 t'April, fl-10.00 am.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa limitat għal żewġ imputazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 126 tal-Kap 10 li jgħid hekk:

*'Ħadd ma jista', mingħajr liċenzja* ***tal-awtorita' sanitarja****, illi tiswa mhux aktar minn sena, izomm f'ebda fond* ***ġewwa l-limiti msemmijin fis-subartikolu (2)*** *tal-aħħar artikolu qabel dan, ebda bhima tal-fart, jew ebda ħanżir, mogħża, nagħġa, żiemel, bagħal jew ħmar.'*

Mill-aspett legali, l-elementi ta' din il-kontravenzjoni huma dawn:

(i) F'dan il-każ żamma ta' żiemel;

(ii) liċenzja minn għand awtorita' sanitarja;

(iii) ġewwa l-limiti msemmijin fl-artikolu 125(2) tal-Kap 10

Huwa bla dubju ta' xejn soddisfatt l-ewwel element.

Iżda, minħabba li l-artikolu 125 tneħħa għal kollox bl-Att XXV tas-sena 2001.50, illum il-ġurnata l-aħħar element ma jistax jissussisti. Meta kien revokat l-artikolu 125, il-leġislatur ma ndunax li ried ukoll jemenda din il-parti tal-artikolu 126(1) billi jew jibdel il-kliem jew, jekk illum hemm leġislazzjoni oħra li tipprovdi għall-indikazzjoni tal-post, jirreferi għal dan l-artikolu jew regolament.

Dwar it-tieni element jirriżulta li la l-Pulizija ( li hawnhekk mhumiex l-awtorita' li joħorġu l-liċenzja) u lanqas l-Awtorita' Sanitarja ma jżommu xi records. Dan jirriżulta mix-xhieda kemm mill-verbal tas-17 ta' Jannar 2012 kif ukoll mix-xhieda li ta s-sur Joseph Borg. L-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni kien jikkonsisti fl-affidavit li għamel PS Joseph Mizzi. Dan l-affidavit ma jindikax il-post – għax dan ma kienx possibbli minħabba l-bidla fil-liġi – u strettament nitkellmu, fuq din l-ewwel imputazzjoni, ix-xhieda rieda jkunu mill-Awtorita' Sanitarja għaliex

l-artikolu jgħajjat lilhom. Barra dan, bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx din il-prova bħala li sserraħ moħħ il-ġudikant minħabba li min għamel l-affidavit ma kellux records x'jikkonsulta bħalma jkollhom, biex jingħata eżempju, dawk li jixhdu jekk bniedem għandux liċenzja biex isuq karozza jew le.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni taqa' taħt ir-regolament 2 tal-Avviż Legali 7 taħt il-Kap 10.

*'Sidien ta' baqar, nagħaġ, mogħoż, żwiemel u bgħula għandhom, matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Jannar ta' kull sena u, fil-każ tal-ħnieżer matul l-ewwel sitt ijiem tax-xahar ta' Lulju ta' kull sena wkoll, jirrapurtaw lill-ogħla uffiċjal tal-Pulizija li jservi fl-eqreb Għassa tal-Pulizija tad-distrett, in-numru ta' dawk l-annimali fil-pussess tagħhom u jgħidu fejn iżommuhom, u fil-każ ta' baqar u bgħula, jispeċfikaw is-sess u n-nisel.'*

Il-Qorti tirreferi għar-rimarki tagħha aktar 'il fuq dwar in-nuqqas ta' records miżmuma, din id-darba, b'mod speċjali mill-Pulizija għaliex ir-regolament jindika lilhom bħala l-Uffiċjali li wieħed irid jinforma jekk ikun hemm bdil fin-numru ta' annimali. Din l-imputazzjoni hija differenti mill-ewwel waħda. L-affidavit magħmul minn PS Joseph Mizzi ma jgħid xejn dwar dan in-nuqqas.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx din it-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fl-24 t'April, 2012.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------